32002D0008

5.1.2002 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 3/53

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Diċembru 2001

li tippreskrivi l-metodi għall-identifikazzjoni ġenetika ta' annimali tat-trobbija ta' razza pura ta' annimali bovini u li temenda d-Deċiżjonijiet 88/124/KEE u 96/80/KE

(innotifikati bid-dokument numru C(2001) 4709)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/8/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li ikkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li ikkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar annimali ta' razza pura ta' l-annimali bovini [1], kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KEE) Num. 3768/85 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li ikkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE tat-18 ta' Ġunju 1987 dwar l-aċċettazzjoni għal skopijiet ta' trobbija ta' annimali tat-trobbija bovini [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 77/504/KEE tippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina l-partikularitajiet li għandhom jidhru fuq iċ-ċertifikati ta' razza pura.

(2) Id-Direttiva 87/328/KEE tippermetti lill-Kummissjoni li tadotta, minbarra l-analiżi tal-grupp tad-demm, metodi adattati oħrajn għall-identifikazzjoni ġenetika ta' annimali rġiel ta' razza pura tal = bovini li jkunu ġew aċċettati għal skopijiet ta' trobbija.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/124/EEC tal-21 ta' Jannar 1988 li tippreskrivi l-kampjuni taċ-ċertifikati ta' razza pura għas-semen u l-embriji ta' annimali tat-trobbija ta' razza pura tal-bovini u l-partikularitajiet li jridu jidhru f'dawk iċ-ċertifikati [4] teħtieġ, għaċ-ċertifikazzjoni tas-semen tal-bovini u l-embriji ta' annimali tat-trobbija ta' razza pura tal-bovini, dettalji dwar il-gruppi tad-demm tal-baqra donatriċi u l-gendus għalliel.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/80/KE tat-12 ta' Jannar 1996, li tippreskrivi l-kampjuni taċ-ċertifikati ta' razza pura tal-bajd femminili ta' annimali tat-trobbija tal-bovini u l-partikularitajiet li jridu jidhru fuq dawk iċ-ċertifikati [5], teħtieġ għaċ-ċertifikazzjoni tal-bajd femminili ta' annimali tat-trobbija ta' razza pura tal-bovini, dettalji dwar il-grupp tad-demm tal-baqra donatriċi.

(5) L-analiżi tal-gruppi tad-demm m'huwiex aktar il-metodu preferut ta' l-identifikazzjoni ġenetika ta' l-annimali, u metodi relatati ma' sett wieħed ta' kromosomi ta' organiżmu, b'mod partikulari l-analiżi tad-DNA, huma komunement użati.

(6) Għalhekk, għandhom isiru provvedimenti biex jippermettu li ssir ċertifikazzjoni ta' razza pura ta' l-annimali tal-bovini tat-trobbija b'mod illi l-użu ta' metodi ta' identifikazzjoni ġenetika jagħtu garanziji xjentifiċi ekwivalenti għall-analiżi tal-grupp tad-demm.

(7) Il-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żooteknija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

B'żieda ma' l-analiżi tal-grupp tad-demm, kull test ieħor fuq bażi ta' l-analiżi b'metodi relatati ma' sett wieħed ta' kromosomi ta' organiżmu, li jipprovdi garanziji ekwivalenti u li jkun speċifiku biżżejjed li jivverifika r-razza pura ta' annimal b'ċertezza ta' mill-anqas 99,0 %, huwa approvat għall-identifikazzjoni ta' annimali tat-trobbija tal-bovini ta' razza pura.

L-Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 88/124/EEC hija emendata kif ġej:

1. L-ewwel inċiż f' l-Artikolu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "— data aġġornata kif mniżżla f'l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 86/404/KEE li tikkonċerna l-gendus li jipprovdi s-semen kif ukoll il-grupp tad-demm tiegħu jew riżultati tat-testijiet li jipprovdu garanziji xjentifiċi ekwivalenti sabiex tiġi vverifikata r-razza pura,".

2. L-ewwel inċiż f'l-Artikolu 2(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "— data aġġornata kif hemm f'l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 86/404/KEE li tikkonċerna l-baqra donatriċi u l-gendus għalliel kif ukoll il-gruppi tad-demm tagħhom jew riżultati tat-testijiet li jipprovdu garanziji xjentifiċi ekwivalenti li jivverifikaw ir-razza pura tagħhom.".

3. Fil-Kapitlu 1 taċ-Ċertifikat Mudell ta' Razza Pura f'l-Anness I il-kliem "Grupp tad-demm:..." jiġu mibdula bil-kliem "Grupp tad-demm jew test ekwivalenti approvat skond il-liġijiet tal-Komunità:... (speċifika t-test u r-riżultati)".

4. F'parti A u parti B tal-Kapitlu I taċ-Ċertifikat Mudell ta' Razza Pura f'l-Anness II il-kliem "Grupp tad-demm:..." jiġu mibdula bil-kliem "Grupp tad-demm jew test ekwivalenti approvat skond il-liġijiet tal-Komunità:... (speċifika t-test u r-riżultati)".

[1] ĠU L 206, tat-12.8.1977, p. 8.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
[3] ĠU L 167, tas-26.6.1987, p. 54.
[4] ĠU L 62, tat-8.3.1988, p. 32.
[5] ĠU L 19, tal-25.1.1996, p. 50.

L-Artikolu 3

L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 96/80/KE jiġi mibdul b'dan li ġej:

"— data aġġornata kif hemm fl-Artikolu 1tad-Deċiżjoni 86/404/KEE li tikkonċerna l-baqra donatriċi kif ukoll il-grupp tad-demm tagħha jew riżultati tat-testijiet li jipprovdu garanziji xjentifiċi ekwivalenti li jivverifikaw ir-razza pura tagħha,".

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni